# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Deċiżjoni Numru 2498**

Każ Nru: 3219/ ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Edel Mary Rose Attard

u

Yellow Pages (Malta) Ltd (C 11814)

Illum : 23 ta' Novembru, 2017

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.

**Introduzzjoni u Dikjarazzjonijiet tal-Każ**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-Avv. Katia Mercieca f'isem ir-rikorrenti fil-5 ta' Marzu 2014.

Ir-rikorrenti bdiet taħdem mas-soċjeta' intimata fit-22 ta' Novembru, 2010, *full-time* bħala *sales executive*. Ir-rikorrenti, li hi Għawdxija, kienet taħdem ġewwa Għawdex stess ma' kollega oħra li t-tnejn kienu jieħdu ħsieb is-suq t'Għawdex. Ix-xogħol kien jinqasam bejniethom.

Bejn Ottubru u Novembru 2013, il-*manager* tar-rikorrenti u l-*Managing Director* tas-soċjeta' għamlu laqgħa mar-rikorrenti u l-kollega tagħha fejn qalulhom li ma kienx hemm aktar ħtieġa għal żewġ impjegati għas-suq ta' Għawdex u illi jridu jiddeċiedu u jiftiehmu

bejniethom sabiex impjegata waħda taħdem sitt xhur Malta u sitt xhur Għawdex jew jalternaw bejniethom minn sena għal sena bejn Malta u Għawdex. Ir-rikorrenti dakinhar ma setgħetx tieħu deċiżjoni waħidha għax kien jiddependi wkoll mill-kollega tagħha u għaldaqstant dakinhar ma ġie deċiż xejn.

Ġimgħa wara, r-rikorrenti ntalbet tiltaqa' mad-direttur tal-kumpanija fejn ġiet infurmata li kienet ilha żmien tonqos milli tilħaq is-*sales targets* rikjesti mis-soċjeta' intimata u li għalhekk l-impjieg tagħha kien qed jiġi tterminat.

Ir-rikorrenti qatt ma kienet ġiet infurmata mis-soċjeta' intimata li ma kinitx qed tilħaq is-*sales targets* jew illi kien hemm xi problema fix-xogħol u fil-prestazzjoni tagħha. L-unika problema li kienet taf biha kienet li s-soċjeta' riedet impjegata waħda fuq is-suq Għawdxi. Ir-rikorrenti ġiet ukoll mitluba tikteb ittra ta' riżenja iżda li ma ħassitx illi kellha tirreżenja għaliex xtaqet li tkompli fl-impjieg. Għaldaqstant hija tkeċċiet.

Ir-rikorrenti tenniet li fl-ebda waqt ma ttieħdu passi dixxiplinarji kontriha u qatt ma ġiet ikkonfrontata b'xi nuqqasijiet fil-prestazzjoni tagħha fix-xhur ta' qabel. Illi lanqas ingħatat l-opportunita' tirratifika xi nuqqasijiet għax ħadd mill-*management* ma qatt ressaq xi lment.

Illi fil-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg datata 5 ta' Novembru, 2013, is-soċjeta' intimata indikat raġuni ta' tkeċċija '*on Disciplinary Grounds'*.

Ir-rikorrenti qed tikkontesta t-tkeċċija tagħha bħala waħda inġusta u bla ebda ġustifikazzjoni skont il-liġi u għaldaqstant qed titlob lit-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni fuq bażi dixxiplinarja kienet waħda inġusta u li tingħata kumpens xieraq għat-tkeċċija.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, is-soċjeta' intimata sostniet li assolutament mhuwiex minnju li r-rikorrenti qatt ma ġiet infurmata li ma kinitx qed tilħaq is-*sales targets*. Hi kellha dan in-nuqqas għal sentejn sħaħ.

Illi r-rikorrenti dan tafu sew mil-laqgħat u d-diskussjonijiet li kien ikollha mal-*manager* tagħha fuq il-*performance*. Dan, apparti apparat apposta li s-soċjeta' tagħti lil kull impjegat li jiġġenera rapporti ta' bejgħ, bejgħ prospettiv (*targets*), etċ.

Fil-kampanja li għalqet f'Awwissu, 2012, ir-rikorrenti naqset li tilħaq it-*targets* tagħha. Reġgħet l-istess fl-2013. Fl-2012 ma laħqitx it-*targets* bi 15% (jew €11,181 inqas). Is-soċjeta' wara dan ir-riżultat xorta tatha opportunita' oħra iżda fl-2013 reġgħet ma laħqitx it-*target* bi 18% (jew €13,045) li skond is-soċjeta' intimata dan ir-riżultat huwa inaċċettabbli u li minkejja kollox ma kinitx maqtugħa għal dan ix-xogħol u għaldaqstant l-impjieg ġie tterminat.

Ir-rikorrenti ngħatat il-liberta' kollha biex tagħżel li tirreżenja jew li tiġi tterminata fuq nuqqas ta' prestazzjoni skont il-kuntratt. Hi m'għażlitx ir-riżenja u ġiet terminata.

Is-soċjeta' intimata saħqet li fil-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti hemm ċar li jekk ma tilħaqx il-miri titkeċċa, u li r-rikorrenti kienet aċċettat bla riserva. Ir-rikorrenti falliet li tilħaq il-miri għal sentejn in fila.

Is-soċjeta' kompliet tiddikjara li allura dan mhux każ ta' tkeċċija inġusta u li keċċiet lir-rikorrenti għax naqset fix-xogħol tagħha.
Illi hu irrelevanti jekk ittieħdux passi dixxiplinarji għaliex ir-rikorrenti naqset li tonora l-obbligi tal-kuntratt.

Is-soċjeta' temmet id-dikjarazzjoni tagħha billi qalet li r-rikorrenti hija skorretta meta tgħid li l-formola tat-tmiem tal-impjieg indikat *'Disciplinary Grounds'* bħala raġuni ta' tkeċċija iżda fuq *'performance reasons as per contract'* (Dok YPM1).

Illi għaldaqstant mhuwiex il-każ li r-rikorrenti tkeċċiet a bażi dixxiplinarja u lanqas a bażi li tkeċċiet inġustament u li għaldaqstant ma hemm l-ebda lok għal kumpens.

**<u>Fatti prinċipali</u>**

- Ir-rikorrenti bdiet taħdem mas-soċjeta' intimata fit-22 ta' Novembru 2010 bħala *full-time sales executive.*
- Ħadmet Għawdex ma' kollega oħra. Hija Għawdxija.
- Ir-rikorrenti ġiet itterminata fil-5 ta' Novembru 2013.
- Ir-raġuni tat-tmiem tal-impjieg skont dokument uffiċjali tal-ETC kienet *'Dismissed on disciplinary grounds'*.
- Fil-formola tat-terminazzjoni s-soċjeta' intimata żiedet bħala rimarka: *'Due to performance reasons as per contract.'*

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proċeduri xehdu Jason Leigh Gafa – *Accounts Manager* YP, Affidavid tar-rikorrenti u xhieda u Reuben Curmi – *Direttur* YP. Ġew esebiti diversi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra jekk il-kumpanija kinitx ġusta li keċċiet lir-rikorrenti fuq ir-raġuni unika ta' *performance*.

It-Tribunal analizza sew is-sitwazzjonijiet prinċipali tal-każ kif ġej li wassluh għal deċiżjoni.

Fil-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrenti joħroġ minn klawsola 3 – *Sales Targets* li jekk ir-rikorrenti ma tilħaqx it-*target* mitluba ta' xi sena jew li ma tilħaqx tliet *targets* konsekuttivi, liema waħda minn dawn tiġi l-ewwel, tkun qed tpoġġi r-rikorrenti f'pożizzjoni ta' tkeċċija.

Ir-rikorrenti ġiet impjegata f'Novembru, 2010 u ġiet assenjata xogħol f'Għawdex ma' impjegata oħra. F'Ottubru 2013, ir-rikorrenti u l-impjegata l-oħra ġew mgħajjta mill-*Management* illi Għawdex ma kienx għadu post ta' żewġ ħaddiema iżda ta' waħda u allura qalulhom biex jiftiehmu biex jibdew jalternaw. Dakinhar id-deċiżjoni finali ma ttieħditx. Ovvjament dan kien qed isir minħabba nuqqas ta' xogħol f'Għawdex. Ġimgħa wara, r-rikorrenti ġiet mgħajjta waħedha mill-*management* u ġiet itterminata fuq bażi ta' *performance* skont kif stipulat fil-kuntratt rigward nuqqas li tilħaq it-*targets*.

Jidher li r-rikorrenti veru ma laħqitx it-*targets* kemm fl-2012 u anke fl-2013.

Jirriżulta li r-rikorrenti qatt qabel ma rċeviet xi twissija bil-mikub rigward nuqqas li tilħaq it-*targets* jew fuq xi raġuni oħra.

Eventwalment l-impjegata l-oħra fuq Għawdex ġiet ukoll terminata u s-soċjeta' qed tuża '*call centre'* fuq is-suq t'Għawdex.

Is-soċjeta' kellha mezzi teknoloġiċi biex issegwi t-*targets* u l-*performance* tal-kumpanija.

Is-soċjeta' ikkummentat li r-rikorrenti ma kinitx maqtugħa għal dak ix-xogħol u li ma kellhiex il-ħiliet neċessarji. Dan wara kważi tliet snin fl-impjieg.

Mix-xhieda jirriżulta li s-soċjeta' intimata kienet spiss tittermina ħaddiema u din id-deċiżjoni kienet tkun meħuda xhur qabel.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Il-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrenti jispeċifika ċar fejn jidħlu *sales targets* li jekk ma jintlaħqux tpoġġi r-rikorrenti f'pożizzjoni ta' tkeċċija.

Ir-rikorrenti kien minnu li ma laħqitx it-*targets* fl-2012 u fl-2013, iżda it-Tribunal innota nuqqas drastiku ta' *sales*, il-mod ta' tqassim tal-klijenti bejn iż-żewġ kollegi, in-nuqqas li r-rikorrenti ma ġietx rimpjażżata, il-kollega l-oħra wkoll wara li ġiet itterminata ma ġietx rimpjażżata u wara għas-suq t'Għawdex ġie utilizzat *call centre*.

Jirriżulta li r-rikorrenti qatt ma rċeviet xi twissija bil-miktub relatata mar-raġuni tat-tkeċċija.

Kien ċar li f'Ottubru 2013, ix-xogħol f'Għawdex kien naqas, iżda r-rikorrenti kienet tajba biżżejjed biex tiġi offruta xogħol f'Malta.

Jirriżulta li ftit tal-ġranet wara r-rikorrenti ġiet itterminata għax ma kinitx qed tilħaq is-*sales targets* b'kummenti mis-soċjeta' intimata fix-xhieda li ma kinitx maqtugħa għal dan ix-xogħol u ma kellhiex il-ħiliet neċessarji. Mix-xhieda ħareġ ukoll li s-soċjeta' ma tantx kienet taħsibha darbtejn biex taqbad u tkeċċi ħaddiema.

Irriżulta wkoll li l-kollega tar-rikorrenti wkoll ġiet eventwalment itterminata.

Meħuda in-konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, it-Tribunal ma jistax jittollera li ħaddiema titlef xogħolha b'dan il-mod kif għadu kif ġie spjegat u għaldaqstant qed jiddeċiedi li t-tkeċċija kienet waħda inġusta u li hemm lok li r-rikorrenti tingħata kumpens.

Il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' ħames t'elef ewro (€5,000), liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjeta' intimata lir-rikorrenti fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**CHAIRMAN**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja